2026/1536

14.10.2026

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1536

tas-6 ta' Lulju 2026

li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar id-dixxiplina tas-saldu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(5) u l-Artikolu 7(10) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2025/2075 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) emenda l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 billi neħħa t-tranżazzjonijiet ta' akkwist bil-patt ta' rivendita u t-tranżazzjonijiet ta' vendita bil-patt ta' riakkwist mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni. Għalhekk jeħtieġ li tiġi aġġornata l-lista tat-tipi ta' tranżazzjonijiet, stabbilita fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229 ([3]), li għandhom jiġu ppreżentati bħala parti mill-allokazzjonijiet bil-miktub.

(2) L-esperjenza miksuba mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2018/1229 enfasizzat l-importanza li jiġu allinjati, kemm jista' jkun, il-kampijiet tad-data meħtieġa għall-allokazzjonijiet u l-konfermi ma' dawk meħtieġa għall-istruzzjonijiet ta' saldu. Dik l-esperjenza wriet ukoll li, biex jiġu evitati aġġustamenti fi stadju avvanzat li huma partikolarment kritiċi fil-kuntest ta' ċiklu tas-saldu mqassar, jenħtieġ li l-post tas-saldu jiġi kkomunikat kmieni kemm jista' jkun fil-proċess tas-saldu.

(3) Sabiex jiġi żgurat li t-tranżazzjonijiet ikunu jistgħu jiġu saldati mingħajr dewmien, jenħtieġ li d-ditti tal-investiment jirrikjedu li l-klijenti professjonali tagħhom jipprovdu data statika jew ta' referenza akkurata u aġġornata, inkluża informazzjoni dwar il-kontijiet li għalihom għandhom jiġu kkreditati l-istrumenti finanzjarji u l-flus kontanti, is-suq jew il-post tas-saldu rilevanti, u l-kustodji jew l-intermedjarji li permezz tagħhom il-komunikazzjoni għandha tiġi diretta biżżejjed qabel id-data tas-saldu maħsuba. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li dak ir-rekwiżit japplika wkoll għall-informazzjoni dwar is-saldu mibgħuta mill-klijenti mhux professjonali.

(4) Sabiex tinżamm effiċjenza għolja tas-saldu hekk kif il-volumi tat-tranżazzjonijiet jiżdiedu, u biex jiġi żgurat is-saldu f'waqtu tan-negozji, jenħtieġ li jiġi żgurat l-użu mifrux ta' proċessar dirett (STP, straight-through processing) fis-suq kollu. Għal dak l-għan, kemm il-parteċipanti fis-suq diretti kif ukoll dawk indiretti jenħtieġ li jkollhom fis-seħħ l-awtomatizzazzjoni interna meħtieġa biex jibbenefikaw bis-sħiħ mis-soluzzjonijiet disponibbli tal-STP. Għalhekk huwa xieraq li tiġi sostitwita l-possibbiltà attwali għall-klijenti professjonali li jibagħtu allokazzjonijiet u konfermi bil-miktub b'mod elettroniku b'rekwiżit għad-ditti tal-investiment li jiżguraw li tali komunikazzjonijiet jiġu trażmessi f'format elettroniku u li jinqara mill-magni.

(5) Barra minn hekk, il-benefiċċji tal-STP ma jistgħux jiġu realizzati bis-sħiħ meta l-parteċipanti fis-suq ikomplu jużaw standards proprjetarji jew domestiċi ta' messaġġi, filwaqt li d-depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDs) joperaw abbażi ta' proċeduri u standards internazzjonali ta' komunikazzjoni miftuħa. Sabiex jiġu promossi l-interoperabbiltà u l-effiċjenza, l-użu ta' proċeduri u standards ta' komunikazzjoni miftuħa internazzjonali għall-messaġġi u d-data ta' referenza jenħtieġ li jiġi estiż għat-trażmissjoni tal-allokazzjonijiet u l-konfermi.

([1]) ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/909/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2025/2075 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ottubru 2025 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 909/2014 fir-rigward ta' ċiklu tas-saldu iqsar fl-Unjoni (ĠU L, 2025/2075, 14.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2075/oj).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229 tal-25 ta' Mejju 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar id-dixxiplina tas-saldu (ĠU L 230, 13.9.2018, pp. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2018/1229/oj).

(6) Il-bidla għal saldu iqsar ma għandhiex twassal għal migrazzjoni fuq skala kbira tas-saldu minn ċentri tan-negozjar għal swieq barra l-borża. Huwa għalhekk li jenħtieġ li s-CSDs u l-parteċipanti tagħhom jużaw kamp tad-data li jindika l-post tan-negozjar fl-istruzzjonijiet ta' saldu tagħhom biex jappoġġaw il-monitoraġġ u r-rapportar ta' fallimenti tas-saldu.

(7) Ir-Regolament (UE) 2025/2075 emenda l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 billi naqqas il-perjodu tas-saldu minn jumejn ta' negozju wara li jseħħ in-negozjar għal jum ta' negozju wieħed. Dik l-emenda teħtieġ aġġustamenti matul il-proċess ta' wara n-negozjar, u b'mod partikolari fir-rigward tal-possibbiltà eżistenti skont l-Artikolu 2(2), il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2018/1229 għall-klijenti professjonali biex jipprovdu allokazzjoni bil-miktub u konfermi bil-miktub lid-ditti tal-investiment sa 12:00 CET fil-jum ta' negozju wara dak li fih tkun seħħet it-tranżazzjoni. Is-sottomissjoni f'waqtha tal-istruzzjonijiet ta' saldu hija essenzjali biex is-CSDs ikunu jistgħu jtejbu l-effiċjenza operazzjonali u jimmassimizzaw in-netting fid-dawl tat-tranżizzjoni għal ċiklu ta' saldu T+1. F'dak il-kuntest, xi CSDs joperaw fażijiet tas-saldu li matulhom jintużaw algoritmi ta' ottimizzazzjoni għas-saldu ta' kemm jista' jkun tranżazzjonijiet. Jenħtieġ li s-CSDs jinkoraġġixxu lill-parteċipanti li jixtiequ jibbenefikaw minn tali ottimizzazzjoni biex jissottomettu l-istruzzjonijiet ta' saldu tagħhom qabel 23:59 CET fid-data tan-negozjar. Madankollu, is-sottomissjoni ta' struzzjonijiet ta' saldu wara dak iż-żmien ma għandhiex tipprevjeni lis-CSDs milli jipproċessaw dawk l-istruzzjonijiet ta' saldu, u lanqas ma għandha twassal għall-applikazzjoni ta' penali fi flus, li japplikaw biss meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

(8) Sabiex ikomplu jappoġġaw l-effiċjenza tas-saldu u jkunu kompatibbli mal-aċċellerazzjoni u l-awtomatizzazzjoni meħtieġa għal ċiklu tas-saldu mqassar, jenħtieġ li s-CSDs kollha joffru funzjonalità li tippermetti saldu parzjali awtomatiku. Madankollu, peress li dik il-funzjonalità mhijiex meħtieġa fil-każijiet kollha, jenħtieġ li l-parteċipanti fit-tranżazzjonijiet ikollhom il-possibbiltà li jagħżlu li ma jipparteċipawx f'dik il-funzjonalità.

(9) Modi differenti ta' saldu joffru benefiċċji distintivi. Is-saldu gross f'ħin reali jimminimizza r-riskju tal-kontroparti u l-iskopertura għall-kreditu u l-likwidità jistgħu jiġu ġestiti b'mod aktar effettiv, filwaqt li l-lottijiet tas-saldu jippermettu effiċjenzi operazzjonali permezz tan-netting. Għaldaqstant jenħtieġ li s-CSDs joffru waħda mit-tliet possibbiltajiet: saldu gross f'ħin reali, mill-inqas tliet lottijiet ta' saldu għal kull jum ta' negozju, jew taħlita tat-tnejn.

(10) Jenħtieġ li s-CSDs jkollhom funzjonalitajiet, politiki u proċeduri tas-sistemi sodi u effiċjenti li jippermettulhom jiffaċilitaw u jinċentivaw is-saldu fid-data tas-saldu ppjanata. Il-kontribuzzjoni effettiva għall-effiċjenza tas-saldu permezz ta' saldu awtoparzjali u permezz tal-funzjonalitajiet ta' żamma u rilaxx saret evidenti mill-applikazzjoni tar-reġim tad-dixxiplina tas-saldu. Għaldaqstant huwa xieraq li titneħħa d-deroga minn ċerti miżuri għall-prevenzjoni ta' fallimenti tas-saldu, stabbiliti fl-Artikolu 12 tar-Regolament Delegat (UE) 2018/1229.

(11) L-għoti ta' kreditu fi flus fl-istess jum iggarantit b'kollateral fi flus tal-bank ċentrali jew fi flus tal-bank kummerċjali jipprovdi likwidità sinifikanti għas-saldu. Dawk il-benefiċċji jistgħu jkunu tal-akbar importanza matul l-implimentazzjoni inizjali ta' saldu iqsar. Huwa għalhekk li jenħtieġ li s-CSDs jiffaċilitaw l-aċċess mill-parteċipanti tagħhom għall-forniment ta' kreditu fi flus fl-istess jum iggarantit b'kollateral permezz ta' funzjonalità ta' kollateralizzazzjoni awtomatizzata. Jenħtieġ li dak ir-rekwiżit ma japplikax għas-CSDs li jkollhom liċenzja bankarja li tipprovdi direttament lill-parteċipanti tagħhom bi kreditu fi flus fl-istess jum garantit b'kollateral, aktar milli sempliċiment tiffaċilita l-aċċess għal tali funzjonalità.

(12) Sabiex is-CSDs ikunu jistgħu jidentifikaw il-kawżi ewlenin tal-fallimenti tas-saldu, jenħtieġ li s-CSDs jirrikjedu lill-parteċipanti jinfurmawhom dwar ir-raġunijiet ewlenin għal tali fallimenti tas-saldu u dwar il-miżuri meħuda għall-prevenzjoni ta' tali fallimenti tas-saldu. Barra minn hekk, fid-dawl tal-bidliet introdotti bir-Regolament (UE) 2025/2075 li jinkariga lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ("ESMA") bil-monitoraġġ mill-qrib tal-effiċjenza tas-saldu ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli nnegozjati fiċ-ċentri tan-negozjar jew barra minnhom, huwa meħtieġ li jiżdiedu tranżazzjonijiet ta' akkwist bil-patt ta' rivendita u tranżazzjoni ta' vendita bil-patt ta' riakkwist mal-lista ta' tranżazzjonijiet li għandhom ikunu parti mill-monitoraġġ tal-fallimenti tas-saldu.

(13) Sabiex jiġu stabbiliti arranġamenti ta' ħidma mal-parteċipanti biex jitnaqqsu l-fallimenti tas-saldu, jenħtieġ li s-CSDs jkunu jistgħu jidentifikaw parteċipanti li l-fallimenti tas-saldu tagħhom jista' jkollhom impatt sinifikanti. Sabiex jiġu identifikati dawn il-parteċipanti, jenħtieġ li CSD jqis is-sehem tal-fallimenti tas-saldu ta' parteċipant fil-volum u fil-valur totali tal-istruzzjonijiet ta' saldu pproċessati fil-livell tas-sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD. Jekk le, parteċipanti iżgħar bi ftit tranżazzjonijiet jistgħu jsibu ruħhom fil-lista tal-parteċipanti l-aktar inadempjenti jekk ir-rata ta' falliment tas-saldu tagħhom titqies f'termini assoluti.

(14) Il-monitoraġġ u l-indirizzar tal-fallimenti tas-saldu huma sforz komuni li jinvolvi l-awtoritajiet kompetenti u rilevanti, is-CSDs u l-parteċipanti tagħhom. Għaldaqstant, jenħtieġ li s-CSDs jinformaw regolarment lill-awtorità kompetenti u lill-awtoritajiet rilevanti dwar l-evoluzzjoni tal-fallimenti tas-saldu fis-sistema tas-saldu li jħaddmu u dwar il-miżuri li jkunu ħadu sabiex jindirizzaw dawk il-fallimenti tas-saldu. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li s-CSDs jiżguraw li l-parteċipanti tagħhom jagħmlu sforzi ppjanati biex itejbu l-effiċjenza tas-saldu.

(15) Sabiex ikun jista' jsir monitoraġġ aktar dettaljat tal-effiċjenza tas-saldu, jenħtieġ li s-CSDs jirrapportaw l-ogħla parteċipanti inadempjenti f'termini ta' volum u valur tal-istruzzjonijiet tas-saldu pproċessati. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li s-CSDs jirrapportaw id-data dwar il-fallimenti tas-saldu billi jqisu kategoriji aktar granulari ta' tranżazzjonijiet, irrispettivament minn jekk it-tranżazzjonijiet jiġux eżegwiti fiċ-ċentri tan-negozjar jew barra minnhom u d-durata tal-fallimenti tas-saldu skont it-tip ta' strumenti finanzjarji.

(16) Fid-dawl tal-prinċipju tas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piżijiet, huwa importanti li tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni potenzjali fir-rekwiżiti ta' rapportar. Għal dik ir-raġuni, u minħabba li l-informazzjoni hija diġà koperta fir-rapporti ta' kull xahar li s-CSDs iridu jissottomettu, jenħtieġ li jitneħħa r-rekwiżit għas-CSDs li jissottomettu rapporti annwali dwar il-fallimenti tas-saldu. Fejn meħtieġ, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tkun tista' titlob rapportar aktar frekwenti u informazzjoni addizzjonali dwar il-fallimenti tas-saldu mis-CSD.

(17) Sabiex jiġi żgurat livell ogħla ta' trasparenza, jenħtieġ li s-CSDs jippubblikaw data dwar il-fallimenti tas-saldu skont it-tip ta' strument finanzjarju, ir-raġunijiet ewlenin għall-fallimenti tas-saldu, u l-miżuri proposti biex jindirizzawhom.

(18) L-aġġustamenti strutturali u organizzazzjonali meħtieġa mit-tranżizzjoni għal ċiklu tas-saldu iqsar jeħtieġu approċċ differenzjat għad-dati tal-applikazzjoni tad-diversi dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament Delegat. B'mod aktar partikolari, jenħtieġ li d-data tal-applikazzjoni tiġi differita għad-dispożizzjonijiet li fihom rekwiżiti li jinvolvu żviluppi tal-IT, inklużi l-funzjonalitajiet tas-CSDs immirati lejn it-titjib tal-effiċjenza tas-saldu. Fl-istess ħin, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet li jintroduċu perjodi ta' żmien iqsar għall-proċessi ta' qabel is-saldu li jappoġġaw it-tranżizzjoni għal ċiklu tas-saldu T+1 jibdew japplikaw fi stadju aktar bikri sabiex il-parteċipanti fis-suq ikollhom biżżejjed żmien għall-ittestjar ferm qabel il-bidla għal T+1.

(19) Emendi oħra, u b'mod aktar speċifiku dawk li jikkonċernaw ir-rapportar u d-divulgazzjoni tad-data dwar il-fallimenti tas-saldu mis-CSDs, jenħtieġ li jibdew japplikaw ftit xhur qabel il-bidla għal T+1 stabbilita fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014. Minħabba li l-ESMA għandha tirrapporta dwar l-effiċjenza tas-saldu fuq talba mill-Kummissjoni, informazzjoni adegwata dwar il-fallimenti tas-saldu qabel u wara t-tranżizzjoni għal T+1 hija kritika. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li jingħata biżżejjed żmien lis-CSDs u lill-parteċipanti fis-suq biex ikunu jistgħu jirrapportaw id-data f'konformità mal-parametri addizzjonali stabbiliti fl-Anness I u II ta' dan ir-Regolament Delegat, filwaqt li jiġi previst perjodu ta' osservazzjoni twil biżżejjed biex jiġi vvalutat b'mod sinifikanti l-impatt fuq l-effiċjenza tas-saldu, qabel u wara l-bidla għal saldu iqsar.

(20) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2018/1229 jiġi emendat kif xieraq.

(21) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-ESMA.

(22) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati bħala parti mid-dokument ta' diskussjoni u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). Barra minn hekk, fl-iżvilupp tar-rakkomandazzjonijiet tagħha, l-ESMA involviet ruħha mal-Kumitat dwar l-Infrastruttura tas-Suq u l-Pagamenti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ), f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010,

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament Delegat (UE) 2018/1229

Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/1229 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa emendat kif ġej:

(1) fil-punt (a), jiżdied il-punt (vi) li ġej:

"(vi) tranżazzjonijiet ta' akkwist bil-patt ta' rivendità jew tranżazzjoni ta' vendità bil-patt ta' riakkwist;";

(2) il-punti (i) sa (k) jitħassru;

(3) il-punti (m) sa (p) li ġejjin huma miżjuda:

"(m) l-ammont tas-saldu ta' flus kontanti li għandu jiġi kkonsenjat jew riċevut;

(n) l-identifikatur tal-parteċipant li jikkonsenja l-istrumenti finanzjarji jew il-flus kontanti;

(o) l-identifikatur tal-parteċipant li jirċievi l-istrumenti finanzjarji jew il-flus kontanti;

(p) il-post ta' saldu ("PSET").";

(ii) it-tielet u r-raba' subparagrafi huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"Il-klijenti professjonali għandhom jibagħtu l-allokazzjonijiet tagħhom bil-miktub bl-użu ta' metodu ta' komunikazzjoni elettroniku standardizzat strutturat biex l-applikazzjonijiet tas-software jkunu jistgħu jidentifikaw, jirrikonoxxu u jisiltu minnu data speċifika faċilment, inklużi dikjarazzjonijiet individwali tal-fatti, u l-istruttura interna tagħhom.

Id-ditti tal-investiment li jkunu rċevew konferma tal-eżekuzzjoni ta' ordni ta' tranżazzjoni magħmula minn klijent professjonali għandhom jiżguraw permezz ta' arranġamenti kuntrattwali li l-klijent professjonali jikkonferma l-aċċettazzjoni tiegħu tat-termini tat-tranżazzjoni bil-miktub, bl-użu ta' metodu ta' komunikazzjoni elettroniku standardizzat strutturat sabiex l-applikazzjonijiet tas-software ikunu jistgħu jidentifikaw, jirrikonoxxu u jisiltu minnu data speċifika faċilment, inklużi dikjarazzjonijiet individwali tal-fatti, u l-istruttura interna tagħhom, fil-perjodi ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 2. Din il-konferma bil-miktub tista' tkun inkluża wkoll fl-allokazzjoni bil-miktub.

L-użu ta' metodi ta' komunikazzjoni li mhumiex strutturati u b'hekk jipprevjenu applikazzjonijiet tas-software milli jidentifikaw, jirrikonoxxu u jisiltu minnu faċilment kemm data speċifika, inklużi dikjarazzjonijiet individwali tal-fatti, kif ukoll l-istruttura interna tagħhom, għandu jkun permess biss f'każijiet ta' nuqqas ta' disponibbiltà teknika temporanja jew tfixkil fis-servizz, dment li tali ċirkostanzi jiġu ddokumentati u solvuti kif xieraq mingħajr dewmien żejjed.

Id-ditti tal-investiment għandhom jirrikjedu li l-klijenti professjonali tagħhom jibagħtu l-allokazzjoni bil-miktub u l-konferma bil-miktub bl-użu tal-proċeduri u l-istandards ta' komunikazzjoni miftuħa internazzjonali msemmija fl-Artikolu 2(1), il-punt (34), tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

Id-ditti tal-investiment għandhom jirrikjedu li l-klijenti professjonali tagħhom japplikaw il-livelli ta' tolleranza tal-flus kontanti stabbiliti mis-CSD rilevanti f'konformità mal-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament meta jirrapportaw l-ammont totali ta' flus kontanti li għandhom jiġu kkonsenjati jew riċevuti fl-allokazzjonijiet bil-miktub tagħhom.";

(b) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Il-klijenti professjonali għandhom jiżguraw li d-ditta tal-investiment tirċievi l-allokazzjonijiet bil-miktub u l-konfermi bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 1 mill-aktar fis possibbli u sa mhux aktar tard mill-23:00 CET fil-jum ta' negozju li fih tkun seħħet it-tranżazzjoni.

Id-ditti tal-investiment għandhom jikkonfermaw il-wasla tal-allokazzjoni bil-miktub u tal-konferma bil-miktub fi żmien sagħtejn minn dik il-wasla. Id-ditti tal-investiment li jirċievu l-allokazzjoni bil-miktub u l-konferma bil-miktub fi żmien inqas minn siegħa qabel l-għeluq tan-negozju tagħhom għandhom jikkonfermaw li rċevew l-allokazzjoni bil-miktub u l-konferma bil-miktub fi żmien siegħa wara l-bidu tan-negozju fil-jum ta' negozju li jmiss.

3. Id-ditti tal-investiment għandhom jirrikjedu li l-klijenti professjonali tagħhom jipprovdu d-data ta' referenza kollha meħtieġa biex jiġi saldat negozju f'format elettroniku standardizzat, u strutturat b'tali mod li l-applikazzjonijiet tas-software ikunu jistgħu jidentifikaw, jirrikonoxxu u jisiltu minnu faċilment data speċifika, inklużi dikjarazzjonijiet individwali tal-fatti, u l-istruttura interna tagħhom. Id-ditti tal-investiment għandhom jirrikjedu wkoll li l-klijenti professjonali tagħhom iżommu dik id-data ta' referenza aġġornata biżżejjed minn qabel biex jiżguraw saldu f'waqtu tat-tranżazzjonijiet. Id-ditti tal-investiment li jirċievu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 qabel il-perjodu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 2 jistgħu jaqblu bil-miktub mal-klijenti professjonali tagħhom li l-allokazzjonijiet bil-miktub u l-konfermi bil-miktub ikkonċernati ma għandhomx jintbagħtu.";

(2) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Miżuri li jirrigwardaw klijenti bl-imnut

Id-ditti tal-investiment għandhom jirrikjedu lill-klijenti bl-imnut tagħhom jibagħtulhom l-informazzjoni rilevanti kollha dwar is-saldu għat-tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-23:00 CET fil-jum ta' negozju li fih tkun seħħet it-tranżazzjoni, sakemm dak il-klijent ma jkollux l-istrumenti finanzjarji u l-flus rilevanti fl-istess ditta tal-investiment.";

(3) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Minbarra l-kampijiet tad-dat msemmija fil-paragrafu 3, is-CSDs għandhom jirrikjedu li l-parteċipanti tagħhom jużaw il-kampijiet li ġejjin fl-istruzzjonijiet ta' saldu tagħhom:

(a) kamp li jindika t-tip ta' tranżazzjoni abbażi tat-tassonomija li ġejja:

(i) xiri jew bejgħ ta' titoli;

(ii) operazzjonijiet tal-immaniġġjar tal-kollateral;

(iii) self ta' titoli/operazzjoni ta' teħid b'self;

(iv) tranżazzjonijiet ta' riakkwist;

(v) tranżazzjoni ta' akkwist bil-patt ta' rivendità jew tranżazzjoni ta' vendità bil-patt ta' riakkwist;

(vi) tranżazzjonijiet oħrajn (li jistgħu jiġu identifikati b'aktar kodiċijiet granulari tal-ISO kif ipprovduti mis-CSD);

(b) kamp li jindika l-post tan-negozjar li għandha timtela mill-Kodiċi ta' Identifikazzjoni tas-Suq (Market Identifier Code, "MIC") taċ-ċentru tan-negozjar fejn tkun ġiet eżegwita t-tranżazzjoni sottostanti.

Għall-finijiet tal-punt (b), meta l-MIC ma japplikax, il-parteċipanti għandhom jużaw kodiċijiet oħra bbażati fuq il-proċeduri u l-istandards ta' komunikazzjoni miftuħa internazzjonali għall-messaġġi u d-data ta' referenza msemmija fl-Artikolu 2(1), il-punt (34), tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 biex jimlew il-kamp rispettiv.";

(b) jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Is-CSDs għandhom jirrikjedu li l-parteċipanti jibagħtu struzzjonijiet ta' saldu malajr kemm jista' jkun u fejn fattibbli sa 23:59 CET fil-jum ta' negozju li fih tkun seħħet it-tranżazzjoni.";

(4) fl-Artikolu 8, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) mekkaniżmu ta' rilaxx li jippermetti li l-istruzzjonijiet ta' saldu pendenti li ġew imblukkati mill-parteċipant li jagħti l-istruzzjonijiet jiġu rilaxxati totalment jew parzjalment għall-fini tas-saldu.";

(5) L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 10*

Saldu parzjali awtomatiku

Is-CSDs għandu jkollhom funzjonalità li tippermetti s-saldu parzjali awtomatiku ta' tranżazzjoni abbażi tad-disponibbiltà ta' titoli fil-kont tal-konsenjatur, mingħajr il-ħtieġa ta' intervent manwali. Struzzjonijiet ta' saldu mqabbla għandhom ikunu eliġibbli għal tali saldu parzjali awtomatiku, sakemm wieħed mill-parteċipanti ma jagħżilx li ma jipparteċipax f'saldu parzjali.";

(6) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Is-CSDs għandhom joffru lill-parteċipanti saldu gross f'ħin reali jew minimu ta' tliet lottijiet ta' saldu għal kull jum ta' negozju, jew taħlita tat-tnejn. Il-lottijiet ta' saldu għandhom ikunu mifruxa tul il-jum ta' negozju skont il-ħtiġijiet tas-suq, abbażi tat-talba mill-kumitat tal-utenti tas-CSD.";

(7) L-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 12*

Funzjonalità ta' kollateralizzazzjoni awtomatizzata

Is-CSDs għandhom jiffaċilitaw l-aċċess mill-parteċipanti tagħhom għal kreditu fi flus fl-istess jum garantit b'kollateral permezz ta' funzjonalità ta' kollateralizzazzjoni awtomatizzata. CSDs li għandhom liċenzja bankarja jistgħu jipprovdu direttament kreditu fl-istess jum huma stess permezz ta' funzjonalità ta' kollateralizzazzjoni awtomatizzata.";

(8) L-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) ir-raġuni għall-falliment tas-saldu, abbażi tal-informazzjoni disponibbli għas-CSD, jew ikkomunikat lilu mill-parteċipanti tiegħu;";

(ii) fil-punt (d), jiżdied il-punt (vi) li ġej:

"(vi) tranżazzjonijiet ta' akkwist bil-patt ta' rivendità jew tranżazzjoni ta' vendità bil-patt ta' riakkwist;";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Is-CSDs għandhom jirrikjedu li l-parteċipanti msemmija fil-kampijiet tad-data 17 u 18 tat-Tabella 1 fl-Anness I jirrapportaw lilhom, fuq bażi mensili, ir-raġunijiet ewlenin għall-fallimenti tas-saldu u l-miżuri biex jiġu indirizzati tali fallimenti tas-saldu.";

(c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Is-CSDs għandhom jistabbilixxu arranġamenti ta' ħidma mal-parteċipanti msemmija fl-oqsma 17 u 18 tat-Tabella 1 fl-Anness I li jkollhom l-iktar impatt sinifikanti fuq is-sistemi ta' saldu tat-titoli tagħhom u, fejn japplika, mas-CCPs u ċ-ċentri ta' negozju rilevanti sabiex janalizzaw u jindirizzaw, sal-estent possibbli, ir-raġunijiet ewlenin għall-fallimenti tas-saldu.";

(9) L-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 14*

Ir-rapportar tal-fallimenti tas-saldu

1. Is-CSDs għandhom jikkomunikaw lill-awtorità kompetenti u lill-awtoritajiet rilevanti l-informazzjoni msemmija fl-Anness I, inklużi l-miżuri ppjanati jew meħuda minn dawk is-CSDs u l-parteċipanti tagħhom sabiex itejbu l-effiċjenza tas-saldu tas-sistemi ta' saldu tat-titoli li jħaddmu. Huma għandhom jikkomunikaw dik l-informazzjoni kull xahar u sa tmiem il-ġurnata tax-xogħol fil-ħames jum ta' negozju tax-xahar ta' wara.

Dik l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tinkludi l-valuri rilevanti f'EUR. Kwalunkwe konverżjoni tal-valur f'EUR għandha titwettaq bl-użu tar-rata tal-kambju uffiċjali tal-BĊE tal-aħħar jum tal-perjodu ta' rapportar, meta dik ir-rata tal-kambju tkun disponibbli.

Is-CSDs għandhom jirrapportaw aktar spiss u jipprovdu aktar informazzjoni dwar il-fallimenti tas-saldu meta jintalbu mill-awtorità kompetenti.

2. Is-CSDs għandhom jimmonitorjaw regolarment l-applikazzjoni tal-miżuri li huma u l-parteċipanti tagħhom ippjanaw jew ħadu biex itejbu l-effiċjenza tas-saldu tas-sistemi ta' saldu tat-titoli li jħaddmu u għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti u lill-awtoritajiet rilevanti, fuq talba, bi kwalunkwe sejba rilevanti li tirriżulta minn tali monitoraġġ.

3. Is-CSDs għandhom jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 f'format elettroniku standardizzat, strutturat biex l-applikazzjonijiet tas-software ikunu jistgħu jidentifikaw, jirrikonoxxu u jisiltu minnu faċilment data speċifika, inklużi dikjarazzjonijiet individwali tal-fatti, u l-istruttura interna tagħhom.

4. Il-valur tal-istruzzjonijiet tas-saldu msemmija fl-Annessi I u III għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

(a) fil-każ ta' struzzjonijiet ta' saldu bi ħlas, l-ammont ta' saldu tal-parti ta' flus;

(b) fil-każ ta' struzzjonijiet ta' saldu mingħajr ħlas, il-valur tas-suq tal-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 32(3) jew, fejn ma jkunx disponibbli, il-valur nominali tal-istrumenti finanzjarji.";

(10) L-Artikolu 23 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 23*

L-applikazzjoni tas-saldu parzjali

1. Meta fl-aħħar jum ta' negozju tal-perjodu ta' estensjoni msemmi fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, uħud mill-istrumenti finanzjarji rilevanti huma disponibbli għall-konsenja lill-parteċipant riċeventi, il-membri tal-ikklerjar, il-membri taċ-ċentru tan-negozjar jew il-partijiet għan-negozju riċeventi u inadempjenti, skont il-każ, għandhom isaldaw parzjalment l-istruzzjoni ta' saldu inizjali.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta l-istruzzjoni ta' saldu rilevanti tiġi posposta skont l-Artikolu 8.";

(11) L-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2018/1229 huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(12) jitħassar l-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2018/1229;

(13) L-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2018/1229 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mis-7 ta' Diċembru 2026. Madankollu, l-Artikolu 1, il-punt (3)(a) fir-rigward tal-emenda għall-Artikolu 5(4), il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2018/1229, (8)(a)(i), (8)(b), (8)(c), (9), (11), (12) u (13) għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2027. L-Artikolu 1, il-punti (3)(b), (4), (5), (6), (7) u (10) għandhom japplikaw mill-11 ta' Ottubru 2027.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Lulju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2018/1229 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Tabella 1, ir-ringieli 17, 18 u 41 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"17.	L-ewwel għaxar parteċipant bl-ogħla rati ta' fallimenti tas-saldu matul il-perjodu kopert mir-rapport (abbażi tal-għadd ta' struzzjonijiet tas-saldu), ikklassifikati abbażi tal-proporzjon tal-fallimenti tas-saldu kkawżati minn kull parteċipant, meta mqabbla mal-għadd kumplessiv ta' struzzjonijiet tas-saldu fil-livell tas-sistema tas-saldu tat-titoli.	Għal kull parteċipant identifikat minn LEI:	
		LEI tal-parteċipant	Identifikatur tal-Entità Legali (LEI) skont l-ISO 17442, kodiċi b'20 karattru alfanumeriku
		L-għadd totali ta' struzzjonijiet tas-saldu fil-livell tas-sistema tas-saldu tat-titoli matul il-perjodu kopert mir-rapport	Sa 20 karattru numeriku rrapportati bħala numri sħaħ mingħajr deċimali
		L-għadd ta' fallimenti tas-saldu għal kull parteċipant	Sa 20 karattru numeriku rrapportati bħala numri sħaħ mingħajr deċimali
		Perċentwal ta' fallimenti tas-saldu	Valur perċentwali sa żewġ pożizzjonijiet deċimali
		Valur totali (EUR) tal-istruzzjonijiet tas-saldu għal kull parteċipant	Sa 20 karattru numeriku inklużi d-deċimali. Tal-anqas karattru wieħed qabel u karattru wieħed wara l-marka deċimali għandhom ikunu mimlijin. Il-marka deċimali mhix ikkunsidrata bħala karattru numeriku
		Il-valur (EUR) tal-fallimenti tas-saldu għal kull parteċipant	Sa 20 karattru numeriku inklużi d-deċimali. Tal-anqas karattru wieħed qabel u karattru wieħed wara l-marka deċimali għandhom ikunu mimlijin. Il-marka deċimali mhix ikkunsidrata bħala karattru numeriku
		Rata ta' fallimenti tas-saldu	Valur perċentwali sa żewġ pożizzjonijiet deċimali.
18.	L-ewwel għaxar parteċipant bl-ogħla rati ta' fallimenti tas-saldu matul il-perjodu kopert mir-rapport (abbażi tal-valur (EUR) ta' struzzjonijiet tas-saldu), ikklassifikati abbażi tal-proporzjon tal-fallimenti tas-saldu kkawżati minn kull parteċipant, meta mqabbla mal-valur kumplessiv ta' struzzjonijiet tas-saldu fil-livell tas-sistema tas-saldu tat-titoli	Għal kull parteċipant identifikat minn LEI	
		LEI tal-parteċipant	Identifikatur tal-Entità Legali (LEI) skont l-ISO 17442, kodiċi b'20 karattru alfanumeriku
		Il-valur totali (EUR) tal-istruzzjonijiet tas-saldu fil-livell tas-sistema tas-saldu tat-titoli matul il-perjodu kopert mir-rapport	Sa 20 karattru numeriku inklużi d-deċimali. Tal-anqas karattru wieħed qabel u karattru wieħed wara l-marka deċimali għandhom ikunu mimlijin. Il-marka deċimali mhix ikkunsidrata bħala karattru numeriku

		Il-valur (EUR) tal-fallimenti tas-saldu għal kull parteċipant	Sa 20 karattru numeriku inklużi d-deċimali. Tal-anqas karattru wieħed qabel u karattru wieħed wara l-marka deċimali għandhom ikunu mimlijin. Il-marka deċimali mhix ikkunsidrata bħala karattru numeriku
		Perċentwal ta' fallimenti tas-saldu	Valur perċentwali sa żewġ pożizzjonijiet deċimali
		Għadd totali ta' struzzjonijiet tas-saldu għal kull parteċipant	Sa 20 karattru numeriku rrapportati bħala numri sħaħ mingħajr deċimali.
		L-għadd ta' fallimenti tas-saldu għal kull parteċipant	Sa 20 karattru numeriku rrapportati bħala numri sħaħ mingħajr deċimali.
		Rata ta' fallimenti tas-saldu	Valur perċentwali sa żewġ pożizzjonijiet deċimali.
41	Tul ta' żmien medju ta' fallimenti tas-saldu bħala l-għadd ta' jiem (id-differenza bejn id-data tas-saldu effettiva u d-data tas-saldu ppjanata, ippeżata għall-valur tal-falliment tas-saldu) skont it-tip ta' strumenti finanzjarji u b'mod ġenerali	L-għadd ta' jiem irrapportati bħala numru b'deċimali wieħed."	

(2) it-Tabella 2 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tabella 2

Data ta' kuljum dwar il-fallimenti tas-saldu li għandha tiġi rrapportata mis-CSDs lill-awtoritajiet kompetenti u lill-awtoritajiet rilevanti ta' kull xahar

Data (għal kull jum ta' rapportar fix-xahar)																	
					Nuqqas li jiġu kkonsenjati titoli						Nuqqas li jiġu kkonsenjati flus					
					Fallimenti tas-saldu		Total ta' Struzzjonijiet		Rata ta' fallimenti		Fallimenti tas-saldu		Total ta' Struzzjonijiet		Rata ta' fallimenti	
					Volum	Valur (EUR)	Volum	Valur (EUR)	Volum	Valur (EUR)	Volum	Valur (EUR)	Volum	Valur (EUR)	Volum	Valur (EUR)
Post tan-negozju [1]	Tip ta' strument finanzjarju	Tip ta' tranżazzjoni	Sistema Interna jew Bejn Sistemi	Tip ta' struzzjoni												
	Titoli trasferibbli msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 4(1)(44) tad-Direttiva 2014/65/UE	Xiri jew bejgħ ta' strumenti finanzjarji	Intra-CSD	DVP [2]												
				DWP [3]												
				PFOD [4]												
				FoP [5] (free of pay-ment)												
			Bejn is-CSDs	DVP												
				DWP												
				PFOD												
				FoP												
		Operazzjoni-jiet ta' ġestjoni tal-kollateral	Intra-CSD	DVP												
				DWP												
				PFOD												
